



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 23 ta' Novembru 2023
(OR. en)

15321/23

JEUN 257
SOC 760
EMPL 544

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fil-Kunsill, dwar il-promozzjoni tal-integrazzjoni taż-żgħażaġħ fil-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet politiċi fl-Unjoni Ewropea

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż il-Konklużjonijiet tal-Kunsill imsemmija hawn fuq, approvati mill-Kunsill (Edukazzjoni, Żgħażaġħ, Kultura u Sport) fil-laqgħa tiegħu fit-23 ta' Novembru 2023.

Konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fil-Kunsill, dwar il-promozzjoni tal-integrazzjoni taż-żgħażaġh¹ fil-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet politiċi fl-Unjoni Ewropea

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA U R-RAPPREŻENTANTI TAL-GVERNIIJET TAL-ISTATI MEMBRI MLAQQGħIN FIL-KUNSILL

FILWAQT LI JQISU LI:

1. Is-sensiela ta' kriżijiet ekonomiċi u soċjali ffaċċjati f'dawn l-aħħar snin, flimkien mal-kriżi globali tas-saħħa tal-COVID-19 u tal-klima, kif ukoll l-impatt tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, fost oħrajn, kellhom impatt profond fuq iż-żgħażaġh, u aggrawaw l-inugwaljanzi u l-ksur tad-drittijiet tal-bniedem, filwaqt li enfasizzaw il-kumplessità tal-isfidi li ż-żgħażaġh fl-Unjoni Ewropea (UE) jiffaċċjaw kuljum. L-indirizzar ta' dawn l-isfidi jifforma parti mill-Istrateġija tal-Unjoni Ewropea għaż-Żgħażaġħ 2019-2027² u, b'mod partikolari, mill-Għan Ewropew dwar iż-Żgħażaġħ #3 "Soċjetajiet inklużivi".

¹ F'dawn il-konklużjonijiet, l-integrazzjoni taż-żgħażaġh hija mifhuma bħala approċċ li jinkorpora l-perspettiva u l-ħtiġijiet taż-żgħażaġh fil-proċessi tal-formulazzjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-politika, kif ukoll fil-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet. L-integrazzjoni tiżgura li l-isfidi u t-tħassib inerenti għaż-żgħażaġh ma jiġux indirizzati b'mod iżolat iżda jiġu integrati b'mod trażversali f'oqfsa politiċi usa'.

² "Ittejjeb id-deċiżjonijiet politiċi fir-rigward tal-impatt tagħhom fuq iż-żgħażaġh fis-setturi kollha, b'mod partikolari fl-impjiegi, l-edukazzjoni, is-saħħa u l-inklużjoni soċjali."

2. Dan l-esponiment għal kriżijiet suċċessivi enfasizza xi wħud mill-problemi strutturali preeżistenti tas-soċjetà tagħna. Il-kumplessità tal-isfidi li ż-żgħażaġh jiffaċċjaw saret aktar evidenti minn qatt qabel, u dan jissottolinja r-relazzjoni mill-qrib bejn fatturi bħall-aċċess għall-impjiegi, l-akkomodazzjoni u l-edukazzjoni ta' kwalità f'dak li għandu x'jaqsam ma' ugwaljanza f'termini ta' koeżjoni soċjali u benesseri soċjoemozzjonali, kif ukoll parteċipazzjoni politika u soċjetali, u t-twettiq tal-aspettattivi taż-żgħażaġh: Unjoni Ewropea ta' opportunitajiet, fejn tkun garantita t-tgawdija sħiħa tad-dritt għall-ġustizzja soċjali³.
3. Il-ġlieda kontra l-esklużjoni soċjali, id-diskriminazzjoni u l-vjolenza ta' kull tip hija mira prijoritarja għall-Unjoni Ewropea. B'mod partikolari, il-prinċipju tan-nondiskriminazzjoni huwa valur fundamentali tal-Unjoni Ewropea, minqax fit-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, fl-Artikoli 9, 10 u 18 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u fl-Artikoli 14, 21, 24, 32 u 33 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali.
4. L-Ewropej ta' bejn is-16 u d-29 sena għandhom probabbiltà ogħla mill-popolazzjoni ġenerali li jesperjenzaw privazzjoni materjali serja. Fl-2021, ir-riskju li wieħed jesperjenza l-faqar jew l-esklużjoni soċjali kien ogħla fost dawk bejn is-16 u d-29 sena milli fil-popolazzjoni ġenerali (24.8 % meta mqabbel ma' 21.6 %). Wieħed jista' jara din ix-xejra – riskju ogħla ta' faqar jew esklużjoni soċjali fost iż-żgħażaġh – fi kważi nofs (13 minn 27) l-Istati Membri tal-UE⁴.

³ Skont l-Ewrobarometru Flash dwar iż-żgħażaġh u d-demokrazija li sar bejn it-22 ta' Frar 2022 u l-4 ta' Marzu 2022: l-aktar aspettattiva komuni taż-żgħażaġh għas-Sena Ewropea taż-Żgħażaġħ 2022 kienet li dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet jagħtu iktar widen lit-talbiet tagħhom u jaġixxu fuqhom (72 %), u li jappoġġaw l-iżvilupp personali, soċjali u professjonali tagħhom (71 %). Il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna saħħet il-konvinzjoni taż-żgħażaġh li l-oġettiv primarju tal-UE (37 %) huwa l-preservazzjoni tal-paċi, it-tisħiħ tas-sigurtà internazzjonali u l-promozzjoni tal-kooperazzjoni internazzjonali. L-ogħla aspettattivi li jmiss huma li l-UE żżid l-opportunitajiet ta' impjeg għaż-żgħażaġh (33 %), tiġġieled il-faqar u l-inugwaljanzi ekonomiċi u soċjali (32 %), kif ukoll tippromwovi politiki favur l-ambjent u tiġġieled it-tibdil fil-klima (31 %). Iż-żgħażaġh ma jqisux biss is-saħħa u l-benesseri mentali u fiżiċi (34 %), il-protezzjoni tal-ambjent u l-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima (34 %), bħala l-oqsma ta' prijorità ewlenin għas-Sena Ewropea taż-Żgħażaġħ, iżda wkoll l-edukazzjoni u t-taħriġ, inkluż il-moviment liberu tal-istudenti (33 %).

⁴ Eurostat. Spjegazzjoni tal-istatistika: Iż-żgħażaġh u l-inklużjoni soċjali.

5. L-opportunitajiet għal għajxien indipendenti għadhom insuffiċjenti, meta jitqiesu d-diffikultajiet li jiffaċċjaw iż-żgħażaġh fl-UE biex jiksbu aċċess għall-akkomodazzjoni, minħabba n-nuqqas ta' sigurtà tal-impjegi u l-kost għoli tax-xiri jew tal-kiri, li mhuwiex affordabbli għal proporzjon kbir ta' żgħażaġh. L-aċċess għal akkomodazzjoni deċenti huwa kundizzjoni bażika biex jiġu ggarantiti soċjetajiet tasew inklużivi u ugwali, kif rifless frizoluzzjoni tal-Parlament Ewropew⁵ li thegġegħ lill-UE tirrikonoxxi l-aċċess għal akkomodazzjoni deċenti u affordabbli bħala dritt tal-bniedem, li hija kwistjoni saħansitra aktar urġenti għaż-żgħażaġh⁶.
6. Il-forom differenti ta' vjolenza li għalihom huma esposti ż-żgħażaġh Ewropej jirrappreżentaw problema oħra li jeħtieġ li tiġi indirizzata, b'referenza partikolari għall-vjolenza psikoloġika marbuta mal-miżinformazzjoni u d-diżinformazzjoni u l-impatt tan-networks soċjali fuq is-saħħa mentali. Fir-rapport tagħha tal-2021⁷, l-Aġenzija tal-UE għad-Drittijiet Fundamentali indikat li r-rata ta' vjolenza fiżika, molestja u bullying ċibernetiku kienet haħna ogħla fost iż-żgħażaġh milli fi gruppi ta' etajiet oħra. Barra minn hekk, ir-rapport enfasizza l-fatt li l-persuni LGBTI, il-persuni b'diżabbiltà, il-minoranzi etniċi u l-bniet kienu partikolarment vulnerabbli għall-vjolenza u l-molestja. Dan huwa saħansitra aktar minnu meta ż-żgħażaġh jiġu affettwati minn forom multipli u intersezzjonali ta' diskriminazzjoni jew żvantaġġi oħra, kif rifless fil-konklużjonijiet tal-Presidenza dwar is-sikurezza ta' persuni LGBTI fl-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea adottat ukoll strateġiji u pjanijiet ta' azzjoni maġġuri biex tippromwovi Unjoni ta' ugwaljanza⁸⁹.

⁵ Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-21 ta' Jannar 2021 dwar l-aċċess għal akkomodazzjoni deċenti u affordabbli għal kulħadd (2019/2187(INI)).

⁶ Kif indikat miċ-ċifri tal-Eurostat tal-2020, l-Istati Membri kollha tal-UE wrew rata ogħla ta' privazzjoni severa ta' akkomodazzjoni fost iż-żgħażaġh milli fost il-popolazzjoni kollha kemm hi.

⁷ Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali, Fundamental Rights Report (Rapport dwar id-Drittijiet Fundamentali) 2021.

⁸ Konklużjonijiet tal-Presidenza dwar is-sikurezza ta' persuni LGBTI fl-Unjoni Ewropea, 9942/23.

⁹ Ġew adottati haħes strateġiji dwar l-ugwaljanza fl-2020 u fl-2021 biex isir progress lejn Unjoni ta' Ugwaljanza: l-Istrateġija ta' Ugwaljanza Bejn is-Sessi għall-2020-2025 (COM(2020) 152 final); l-Istrateġija dwar l-Ugwaljanza tal-LGBTIQ 2020-2025 (COM(2020) 698 final); il-pjan ta' azzjoni tal-UE għall-ġlieda kontra r-razziżmu 2020-2025 (COM(2020) 565 final); il-Qafas Strateġiku tal-UE għar-Rom għall-ugwaljanza, għall-inklużjoni u għall-parteċipazzjoni (COM(2020) 620 final); u l-Istrateġija dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabbiltà 2021–2030 (COM(2021) 101 final).

7. Skont l-aktar Stħarriġ reċenti tal-Parlament Ewropew dwar iż-Żgħażaġh¹⁰, 55 % taż-żgħażaġh fl-UE qalu li ma jafu kważi xejn jew xejn dwar l-Unjoni Ewropea. Il-biċċa l-kbira taż-żgħażaġh mistħarrġa jemmnu li ma kellhomx ħafna, jew xejn, x'jgħidu dwar id-deċiżjonijiet, il-liġijiet u l-politiki importanti li jaffettwawhom¹¹. Iż-żgħażaġh qed jirrikorru dejjem aktar għal modi mhux istituzzjonali biex jesprimu lilhom infushom politikament. Żvilupp bħal dan jista' jitqies bħala essenzjalment pożittiv, iżda huwa ta' tħassib jekk huwa bbażat fuq il-perċezzjoni li l-istituzzjonijiet Ewropej ma jipprovdur l-ebda possibbiltà liż-żgħażaġh li jkunu involuti fil-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet jew li jindirizzaw il-ħtiġijiet u d-diffikultajiet tagħhom. Għalhekk, approċċ komprensiv għall-isfidi li jaffettwaw liż-żgħażaġh jeħtieġ l-involvement u l-parteeipazzjoni tagħhom fl-istituzzjonijiet pubbliċi u fil-proċessi tat-tfassil tal-politika, permezz ta' forom ta' parteċipazzjoni kemm mhux istituzzjonali kif ukoll daww istituzzjonali.
8. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE)¹² jenfasizza li huwa importanti li titwettaq valutazzjoni tal-impatt tal-proċessi tat-tfassil tal-politiki tal-UE fuq iż-żgħażaġh sabiex jitqiesu l-ħtiġijiet u l-aspettattivi taż-żgħażaġh u tal-ġenerazzjonijiet futuri u li jiġi offrut kamp ta' applikazzjoni li jinkludi l-oqsma politiċi kollha li jaffettwaw direttament u indirettament liż-żgħażaġh. Valutazzjoni tal-impatt tmur lil hinn mill-qasam tradizzjonali tal-politiki taż-żgħażaġh.

¹⁰ Ewrobarometru Flash, Rapport ta' Settembru 2021.

¹¹ Dan is-sentiment iżid l-isfera l-aktar 'il bogħod tal-governanza li qed tiġi kkunsidrata: 53 % jħossu li f'it li xejn għandhom, jew ma għandhom l-ebda vuċi dwar deċiżjonijiet, liġijiet u politiki li jaffettwaw iż-żona lokali tagħhom, u dan jiżdied għal 70 % għal kwistjonijiet li jaffettwaw lill-UE kollha kemm hi.

¹² Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, It-Test taż-Żgħażaġħ tal-UE (opinjoni fuq inizzjattiva proprja), 21 ta' Settembru 2022, SOC/728-EESC-2022.

9. Fir-riżoluzzjoni tiegħu dwar il-legat tas-Sena Ewropea taż-Żgħażaġħ 2022, il-Parlament Ewropew¹³ jistieden lill-Kummissjoni tadotta "Test taż-Żgħażaġħ tal-UE" sħiħ biex tiżgura l-involviment, il-parteċipazzjoni u l-impenn sinifikanti taż-żgħażaġh fit-tħejjija tal-politiki kollha tal-UE, tistabbilixxi valutazzjoni tal-impatt sistematika dwar il-proposti tagħha biex tiżgura li dawn jippromwovu u jirriflettu l-ħtiġijiet taż-żgħażaġh u jieħdu miżuri ta' mitigazzjoni jekk ikollhom impatt negattiv.
10. Fil-Karta tiegħu dwar iż-Żgħażaġħ u d-Demokrazija, il-Kumitat Ewropew tar-Regjuni¹⁴ jappella għall-istabbiliment ta' mekkaniżmu tal-ittestjar taż-żgħażaġh biex jiġi żgurat li l-leġiżlazzjoni u l-politika l-ġodda kollha tal-UE jkunu soġġetti għal valutazzjoni tal-impatt iffukata fuq iż-żgħażaġh, inkluż konsultazzjoni mal-organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh fil-livelli differenti u esperti dwar iż-żgħażaġh fil-livell tal-UE u l-iżvilupp ta' miżuri ta' mitigazzjoni f'każ li jiġi identifikat impatt negattiv.
11. Ir-rapport dwar l-eżitu finali tal-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa jitlob l-introduzzjoni ta' verifika tal-leġiżlazzjoni fid-dawl tal-impatt tagħha fuq iż-żgħażaġh, li tinkludi kemm valutazzjoni tal-impatt kif ukoll mekkaniżmu ta' konsultazzjoni mar-rappreżentanti taż-żgħażaġh, meta l-leġiżlazzjoni titqies li għandha impatt fuq iż-żgħażaġh u, kif deskritt fil-proposta 47, "biex jiġi żgurat li t-tfassil kollu tal-politika fil-livell tal-UE jitqies mil-lenti taż-żgħażaġh". Barra minn hekk, ir-rapport jitlob l-iżvilupp ta' "Test taż-Żgħażaġħ" tal-UE tal-leġiżlazzjoni u l-politiki ġodda kollha biex tiġi żgurata "valutazzjoni tal-impatt iffukata fuq iż-żgħażaġh, inkluż konsultazzjoni maż-żgħażaġh"¹⁵.

¹³ Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-24 ta' Novembru 2022 dwar is-Sena Ewropea taż-Żgħażaġħ 2022 (2022/2953(RSP)).

¹⁴ Il-Karta dwar iż-Żgħażaġħ u d-Demokrazija. Kumitat Ewropew tar-Reġjuni, Novembru 2022.

¹⁵ Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa. Rapport dwar l-eżitu finali, Mejju 2022.

12. Kif enfasizzat fl-Istrateġija tal-Unjoni Ewropea għaż-Żgħażaġħ 2019-2027: "Għadd dejjem akbar ta' żgħażaġh għandhom nuqqas ta' fiduċja fl-UE, jiltaqgħu ma' diffikultajiet fil-fehim tal-prinċipji, il-valuri, u l-funzjonament tagħha. Defiċits demokratiċi fil-proċessi tal-UE ġew ukoll identifikati bħala waħda mir-raġunijiet għal ewroxettiċiżmu li qed jiżdied fost iż-żgħażaġh"¹⁶. Madankollu, skont l-istħarriġ tal-Ewrobarometru dwar iż-żgħażaġh u d-demokrazija fl-2022, iż-żgħażaġh għandhom xi aspettattivi mill-UE, bħall-preservazzjoni tal-paċi, iż-żieda fl-opportunitajiet ta' impjieg għaż-żgħażaġh, il-ġlieda kontra l-faqar u l-inugwaljanzi ekonomiċi u soċjali¹⁷.
13. Fis-sitt ċiklu tal-konsultazzjonijiet tad-Djalogu tal-UE maż-Żgħażaġħ, imwettqa biex iż-żgħażaġh jingħataw vuċi fil-proċess tat-tfassil tal-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażaġħ, deher ċar li ż-żgħażaġh taw sinjal li jħossuhom sottorappreżentati fil-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet u kellhom kapaċità limitata li jkollhom influwenza trażversali fuq il-politiki kollha li għandhom impatt fuq l-isfidi li jiffaċċjaw fil-livell lokali, reġjonali, nazzjonali u Ewropew. Din il-perċezzjoni tibqa' preżenti fid-disa' ċiklu tad-Djalogu maż-Żgħażaġħ li ġie konkluż reċentement, li fih iż-żgħażaġh ikomplu jitolbu li "miżuri xierqa biex jintegraw il-parteċipazzjoni sinifikanti taż-żgħażaġh fl-oqsma ta' politika rilevanti kollha"¹⁸.

¹⁶ L-Għanijiet dwar iż-Żgħażaġħ li jirriżultaw mid-Djalogu Strutturat maż-Żgħażaġħ 2017-2018 jistqarru li "Defiċits demokratiċi fil-proċessi tal-UE ġew ukoll identifikati bħala waħda mir-raġunijiet għal ewroxettiċiżmu li qed jiżdied fost iż-żgħażaġh" u mbagħad jipproponu miżuri speċifiċi relatati ma' daww id-defiċits. Strateġija tal-UE għaż-Żgħażaġħ, Anness 3.

¹⁷ Ara n-nota 4 ta' qiegħ il-paġna.

¹⁸ Riżoluzzjoni tal-Kunsill u tar-rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fil-Kunsill dwar l-eżiti tad-disa' ċiklu tad-Djalogu tal-UE maż-Żgħażaġħ, 2023/C 185/04.

14. F'Ġunju 2021, l-istħarriġ dwar iż-żgħażaġħ tal-Ewrobarometru Flash indika li waħda mill-aspettattivi ewlenin taż-żgħażaġħ kienet għas-soċjetà kollha kemm hi u għal dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet b'mod partikolari biex jisimġu aktar il-fehmiet tagħhom u jindirizzaw il-ħtiġijiet tagħhom. 33 % taż-żgħażaġħ taw din it-tweġiba¹⁹.
15. Kif turi l-evidenza statistika dwar l-etaiżmu, l-età hija fattur ewlieni diskriminatorju li jiġġenera inugwaljanzi fis-soċjetajiet tagħna, kif rikonoxxut mill-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa²⁰, u huwa ta' importanza vitali li dan jitqies fit-tfassil tal-politiki pubbliċi relatati mal-kwistjonijiet taż-żgħażaġħ, sabiex jiġu protetti l-valuri tas-solidarjetà interġenerazzjonali bħala pilastru fundamentali tal-koeżjoni soċjali.
16. It-tranżizzjoni mill-edukazzjoni u t-taħriġ għas-suq tax-xogħol tkompli timtela b'ostakli għal ħafna żgħażaġħ fl-Ewropa, li jiffaċċjaw diffikultajiet serji biex isibu impjiegi deċenti li jippermettulhom iwettqu bis-sħiħ il-proġetti ta' ħajjithom u jkollhom prospetti aħjar għall-futur.
17. Iż-żgħażaġħ barra mill-edukazzjoni, impjieg jew taħriġ (NEETs) jirrappreżentaw proporzjon sinifikanti taż-żgħażaġħ kollha fl-Ewropa. Fl-2021, 13.1 % ta' dawk kollha bejn il-15 u d-29 sena (jiġifieri, aktar minn 9.3 miljun individwu) kienu NEETs, b'varjazzjonijiet kbar fl-Istati Membri tal-UE. Barra minn hekk, is-Sena Ewropea tal-Ħiliet²¹ tagħti attenzjoni speċjali lil dan il-grupp.

¹⁹ Ewrobarometru Flash, Stħarriġ tal-Parlament Ewropew dwar iż-Żgħażaġħ, Settembru 2021.

²⁰ L-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa tqis l-etaiżmu bħala t-tielet kawża ewlenija ta' diskriminazzjoni madwar id-dinja.

²¹ Id-Deċiżjoni (UE) 2023/936 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar Sena Ewropea tal-Ħiliet, ĠU L 125, 11.5.2023, p. 1.

18. Il-qgħad jaffettwa aktar liż-żgħażaġh u għandu impatt kbir fuq dawk f'sitwazzjonijiet ta' esklużjoni soċjali u dawk li jgħixu u jaħdmu f'reġjuni f'riskju fl-Istati Membri tal-UE, inkluż ir-reġjuni ultraperiferiċi²². Dan jindika li l-vulnerabbiltà taż-żgħażaġh fir-rigward tal-qgħad hija aggravata mill-intersezzjonalità tal-forom differenti ta' inugwaljanza li jaffettwawhom jew mill-forom differenti ta' esklużjoni li jesperjenzaw²³²⁴.
19. L-edukazzjoni, ix-xogħol, l-akkomodazzjoni u l-aċċess għal servizzi ta' kwalità huma drittijiet essenzzjali għal kulħadd, inkluż dawk li qed jibdwu fażi għida tal-ħajja f'sitwazzjoni żvantaġġata, jew li qed jiffaċċjaw prospettivi prekarji ta' impjieg u sfidi trażversali oħra li jaggravaw dawk l-inugwaljanzi, bin-nuqqas ta' opportunitajiet li jnaqqsu l-opportunitajiet tagħhom għal ħajja aħjar u jpoġġu lil ħafna żgħażaġh f'pożizzjoni dgħajfa mill-bidu nett²⁵.
20. Dawn l-iżvantaġġi jiżdiedu b'mod esponenzjali fil-każ tal-bniet, żgħażaġh LGBTI, żgħażaġh li ġejjin minn kulture ta' migrazzjoni, u żgħażaġh b'diżabbiltajiet.

²² Eurostat, statistics explained: Youth unemployment, Awwissu 2022. (Eurostat, l-istatistika spjegata: Il-qgħad fost iż-żgħażaġh [mhux disponibbli bil-Malti]).

²³ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar Unjoni ta' Ugwaljanza: Strateġija ta' Ugwaljanza Bejn is-Sessi għall-2020-2025, COM/2020/152 final.

²⁴ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni - Unjoni ta' Ugwaljanza: l-Istrateġija dwar l-Ugwaljanza tal-LGBTIQ 2020-2025, COM/2020/698 final.

²⁵ Ir-rakkomandazzjoni CM/Rec(2015)3 adottata mill-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa fil-21 ta' Jannar 2015.

21. Il-kriżi klimatika u l-konsegwenzi tat-tiżhin globali qatt ma kienu urġenti daqs kemm huma illum u dawn qed jaffettwaw il-ħajjiet taż-żgħażaġh b'mod partikolari. Sabiex ma jiġux ipperikolati l-opportunitajiet tal-ħajja taż-żgħażaġh, huma meħtieġa miżuri strutturali, fit-tul u sostenibbli f'ħafna oqsma politiċi u jridu jiġu mmirati speċifikament lejn iż-żgħażaġh li jiffaċċjaw diversi forum ta' diskriminazzjoni jew żvantaġġi oħra.
22. Il-Komunikazzjoni li jmiss tal-Kummissjoni Ewropea dwar il-legat tas-Sena Ewropea taż-Żgħażaġħ 2022, kif ukoll l-evalwazzjoni interim tal-Istrateġija tal-Unjoni Ewropea għaż-Żgħażaġħ 2019-2027, joffru opportunità eċċellenti biex jittieħed kont tal-esperjenzi tal-passat u jissaħħu l-għodod ewlenin eżistenti tal-politika dwar iż-żgħażaġh²⁶, u biex il-prijoritajiet bħall-benesseri taż-żgħażaġh jitqiegħdu fiċ-ċentru tat-tfassil tal-politika u jiġu pprovduti b'opportunitajiet indaqs biex iwettqu l-pjanijiet tal-ħajja tagħhom mingħajr vjolenza u b'għarfien u tgawdija sħiħa tad-drittijiet tagħhom²⁷.
23. Ir-rwol tal-Koordinatur tal-UE għaż-Żgħażaġħ tal-Kummissjoni Ewropea, li jsaħħaħ il-kooperazzjoni u l-integrazzjoni transsettorjali, kif ukoll l-iżvilupp tal-għarfien u l-iskambju dwar kwistjonijiet taż-żgħażaġh fis-servizzi tal-Kummissjoni Ewropea u l-ħidma id f'id ma' diversi partijiet ikkonċernati biex tiġi żgurata komunikazzjoni koerenti lejn iż-żgħażaġh, kien innovazzjoni ewlenija li saret mill-Istrateġija tal-Unjoni Ewropea għaż-Żgħażaġħ 2019-2027.

²⁶ Strumenti kif elenkati fit-taqsima 3 tal-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażaġħ, Jikkooperaw fuq il-Bażi ta' Strumenti u Governanza.

²⁷ Ara n-nota 3 ta' qiegħ il-paġna.

FILWAQT LI JQISU LI:

24. Iż-żgħażaġh kollha huma riżors għas-soċjetà u l-politiki u l-attivitajiet kollha li jikkonċernaw iż-żgħażaġh għandhom jirrispettaw id-dritt taż-żgħażaġh li jipparteċipaw fl-iżvilupp, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-politiki li jaffettwawhom permezz ta' parteċipazzjoni sinifikanti taż-żgħażaġh u l-organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh. Għalhekk, l-Unjoni Ewropea, inkluż permezz tal-programmi tagħha bħall-Erasmus + u l-Korp Ewropew ta' Solidarjetà, għandha taħdem biex tissalvagwardja d-drittijiet taż-żgħażaġh, tindirizza l-isfidi tagħhom u twieġeb għall-ħtiġijiet u l-aspettattivi tagħhom. B'hekk tkun tista' tiġi żgurata UE li tinvesti fil-futur tagħha stess u li tippreserva s-sostenibbiltà ekonomika, soċjali u ambjentali tagħha.
25. Iż-żgħażaġh huma soġġetti tal-liġi bil-potenzjal, il-kapaċitajiet u t-talenti kollha tagħhom li huma essenzjali għal kwalunkwe soċjetà, u għandhom jiġu inkorporati bis-sħiħ fil-proċessi politiċi u fil-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet.
26. Il-parteċipazzjoni taż-żgħażaġh hija kundizzjoni essenzjali għal-leġittimizzazzjoni u ż-żieda fl-effiċjenza ta' kwalunkwe proċess politiku, kif ukoll biex iż-żgħażaġh ikunu jistgħu jafdaw u jemmnu fl-istituzzjonijiet Ewropej, filwaqt li jissaħħu r-rabtiet li jorbtuhom mal-identità u l-valuri ta' Ewropa li trid timpenja ruħha wkoll għall-futur taż-żgħażaġh tagħha.

27. Iż-żgħażaġh tal-Ewropa jinkludu popolazzjoni kumplessa u diversa, u li l-UE għandha tiggarrantixxi li t-tfassil ta' politiki orjentati lejn iż-żgħażaġh jieħu approċċ ibbażat fuq id-drittijiet li jintegra perspettiva taż-żgħażaġh, li jippermetti li dawk il-politiki jkunu verament inklużivi u jimmiraw liż-żgħażaġh kollha fid-diversitajiet kollha li jeżistu madwar l-Ewropa.
28. Il-ħajjiet taż-żgħażaġh jissawru permezz ta' politiki li għandhom l-għerq tagħhom f'diversi oqsma ta' politika u f'livelli differenti ta' implimentazzjoni. B'hekk, huwa biss permezz tal-integrazzjoni taż-żgħażaġh bħala prijorità fost l-oqsma differenti ta' politika li jista' jiġi żgurat li jiġu kkunsidrati l-ħtiġijiet jew l-effetti speċifiċi għaż-żgħażaġh f'politiki jew programmi mahsuba²⁸.
29. Dawk il-politiki Ewropej għandhom jiffukaw ukoll fuq il-benesseri, is-saħħa mentali u l-kura tas-saħħa, inkluż riflessjoni kollettiva u azzjoni politika sussegwenti biex jipproteġu r-rwol taż-żgħażaġh fil-kondiviżjoni tar-riżorsi u l-kapaċità tagħhom li jinfluwenzaw il-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet minn perspettiva ġenerazzjonali, permezz ta' kooperazzjoni interġenerazzjonali.

²⁸ 'Dikjarazzjoni ta' Reykjavik – Magħqudin madwar il-valuri tagħna', wara r-raba' summit tal-Kapijiet ta' Stat u ta' Gvern tal-Kunsill tal-Ewropa, (16 u 17 ta' Mejju 2023, Reykjavik).

IL-KUMMISSJONI EWROPEA HIJA MISTIEDNA:

30. Issaħħaħ l-integrazzjoni taż-żgħażaġh fl-oqsma politiċi kollha, f'konformità mal-Istrateġija tal-Unjoni Ewropea għaż-Żgħażaġħ 2019-2027 u s-Sena Ewropea taż-Żgħażaġħ, sabiex tiġi promossa l-inkorporazzjoni ta' perspettiva taż-żgħażaġh fl-iżvilupp tal-politiki tal-UE. B'mod aktar speċifiku, l-integrazzjoni ta' perspettiva taż-żgħażaġh fit-tfassil, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-politika, bl-applikazzjoni ta' dik il-fehma għall-oqsma kollha li jaffettwaw il-ħajja taż-żgħażaġh, bl-involviment, kif xieraq fil-livell tal-UE, tal-Koordinatur tal-UE għaż-Żgħażaġħ.
31. Tiżgura li l-għodod eżistenti tal-Kummissjoni għal Regolamentazzjoni Aħjar jintużaw bis-sħiħ, sabiex l-impatti fuq iż-żgħażaġh jitqiesu fit-tfassil tal-politika tal-UE. Inkorporazzjoni aktar b'saħħitha tal-perspettivi taż-żgħażaġh fit-tfassil tal-politika tista' tikkontribwixxi għall-oġettivi ta' test taż-żgħażaġh tal-UE.
32. Tesplora u tanalizza aktar l-użu ta' valutazzjoni tal-impatt regolatorja tal-politiki tal-UE fuq iż-żgħażaġh. Dan jista' jinkludi l-applikazzjoni possibbli ta' test taż-żgħażaġh tal-UE. Dan it-test taż-żgħażaġh tal-UE jista' jinftiehem bħala għodda analitika li tivvaluta l-impatt li l-politiki tal-UE għandhom fuq iż-żgħażaġh. Jista' jkun ispirat mill-mudelli li diġà jeżistu f'xi Stati Membri.

L-ISTATI MEMBRI U L-KUMMISSJONI, SKONT IL-PRINĊIPJU TAS-SUSSIDJARJETÀ, FL-OQSMA TA' KOMPETENZA RISPETTIVI TAGĦHOM U FIL-LIVELLI ADATTI, HUMA MISTIEDNA:

33. Jikkooperaw fil-politika dwar l-integrazzjoni taż-żgħażaġh fl-oqsma politiċi kollha, fejn rilevanti, f'konformità mal-Istrateġija tal-Unjoni Ewropea għaż-Żgħażaġħ 2019-2027, sabiex jippromwovu l-inkorporazzjoni ta' perspettiva taż-żgħażaġh fl-iżvilupp tal-politiki tal-UE. B'mod aktar speċifiku, irawmu l-integrazzjoni taż-żgħażaġh fit-teħid tad-deċiżjonijiet u fit-tfassil tal-politika, fl-implimentazzjoni, fil-monitoraġġ u fl-evalwazzjoni, bl-applikazzjoni ta' dik il-fehma għall-oqsma kollha li jaffettwaw il-ħajja taż-żgħażaġh.
34. Itejbu l-kooperazzjoni, inkluż it-tagħlim reċiproku, bejn il-Kummissjoni Ewropea, l-Istati Membri, l-organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh u partijiet ikkonċernati rilevanti oħra, inkluż permezz ta' Prattiki eżistenti bħal attivitajiet ta' tagħlim bejn il-pari, dwar l-implimentazzjoni ta' approċċi inklużivi fil-politiki pubbliċi li janalizzaw l-impatt tagħhom fuq il-ħajja taż-żgħażaġh.

35. Jinkoraġġixxu teħid ta' deċiżjonijiet li jkun ibbażat b'mod qawwi fuq l-evidenza u d-data empirika²⁹ u jirrikonoxxu li l-integrazzjoni taż-żgħażaġh, u l-parteciġazzjoni sinifikanti taż-żgħażaġh huma essenzjali fl-iżvilupp tal-politiki pubbliċi.
36. Jikkooperaw fl-isforzi meħtieġa, flimkien mal-partijiet ikkonċernati rilevanti, biex jinkorporaw id-dimensjoni taż-żgħażaġh fil-valutazzjoni tal-impatt u l-evalwazzjoni tal-politiki fl-UE sabiex itejbu l-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet u jippermettu liż-żgħażaġh fl-UE jkollhom rwol importanti fid-definizzjoni tal-futur tagħhom stess.
37. Jibnu fuq il-kisbiet u l-approċċ kokreattiv tas-Sena Ewropea taż-Żgħażaġħ u jkomplu jiġġeneraw involviment f'diversi livelli li jinvolvi l-istituzzjonijiet Ewropej, l-Istati Membri u ż-żgħażaġh fl-UE, filwaqt li jiġu enfasizzati l-valuri tat-trasparenza u l-aċċessibbiltà, biex jiġi ġġenerat impatt pożittiv fuq ir-rabtiet bejn iż-żgħażaġh Ewropej u l-UE.
-

²⁹ Ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fil-Kunsill dwar qafas għall-kooperazzjoni Ewropea fil-qasam taż-żgħażaġh: L-Istrateġija tal-Unjoni Ewropea għaż-Żgħażaġħ 2019-2027, ĠU C 456, 18.12.2018.

Il-promozzjoni tal-politiki taż-żgħażaġh kienet kostanti f'dawn l-aħħar snin, kif jidher minn dan li ġej:

- L-Istrateġija tal-Unjoni Ewropea għaż-Żgħażaġħ 2019-2027, bil-11-il Għan Ewropew dwar iż-Żgħażaġħ tagħha, imfassla għall-prijoritajiet taż-żgħażaġh fl-Ewropa u li jirrappreżentawhom qabel il-pandemija.
- L-enfasi fuq iż-żgħażaġh fil-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, li jistabbilixxi 20 prinċipju ewlieni li huma essenzjali għal swieq tax-xogħol u sistemi ta' protezzjoni soċjali ġusti u effettivi.
- L-adozzjoni fl-2020 tal-Pjan ta' Azzjoni tal-Kummissjoni Ewropea dwar l-Integrazzjoni u l-Inklużjoni 2021-2027, li jagħti attenzjoni speċjali liż-żgħażaġh Ewropej.
- L-impenn li sar fl-2020 biex tiġi applikata l-Garanzija għaż-Żgħażaġħ imsaħħa, li saħħet l-appoġġ wiesa' għall-impjieg taż-żgħażaġh madwar l-UE, b'approċċ aktar inklużiv.
- L-għażla tal-2022 bħala s-Sena Ewropea taż-Żgħażaġħ, bl-għan li jissaħħu, jiġu emanċipati u jiġu promossi spazji u opportunitajiet ġodda għaż-żgħażaġh biex jipparteċipaw u jaqdu rwol ewlieni fl-Ewropa.
